# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 24**

**Rikors numru 80/16/1 JVC**

**Robert Nogacki fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce**

**v.**

**Shriram Properties Limited (C 53295) u s-soċjetà ċiprijota Berectus Creative Limited (numru ta' reġistrazzjoni HE 323589)**

1. Din is-sentenza hi b'referenza għall-appell tal-attur *nomine* minn digriet u sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla tal-5 ta' Mejju 2017 li bihom, rispettivament:

(i) ġiet miċħuda t-talba tal-attur *nomine* sabiex ikun awtorizzat jesebixxi l-'*prokura'*, li qal li ngħatat mill-attriċi sabiex jiftaħ il-kawża u jirrappreżentaha; u

(ii) intlaqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-attur *nomine* ma tax prova li hu verament awtorizzat sabiex jirrappreżenta lil Silvia Maria Vega Arce fil-kawża.

2. L-Ewwel Qorti qalet:

> *"Illi din hija kawza fejn Robert Nogacki allegatament bhala mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce qed jallega li firem fuq dokumenti ta' trasferiment ta' ishma u rizenja minn direttur tal-istess Silvia Maria Vela Arce mill-kumpanija Shriram Properties Limited kienu falsifikati u ghaldaqstant qed jitlob rimedju lil din il-Qorti."*

3. Fir-rikors maħluf preżentat fid-29 ta' Settembru 2016 l-attur *nomine* talab lill-Qorti sabiex:

> *"i. Tiddikjara illi d-dokumenti hawn annessi bħala Dok. B u Ċ ma ġewx iffirmati mill-attriċi u lanqas ma ġew ippreżentati minnha lir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
>
> *ii. Konsegwentement tannula t-trasferiment tal-ishma tal-attriċi fi Shriram Properties Ltd lis-soċjeta Ciprijotta 'Berectus Creative Limited' qisu qatt ma kien;*
>
> *iii. Tordna n-notifika tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex jirripristina fir-Reġistru tiegħu lill-attriċi bħala l-proprjetarja ta' 1,199 sehem ordinarju fi Shriram Properties Ltd;*
>
> *iv. Tordna lill-kumpannija konvenuta Shriram Properties Ltd sabiex taġġorna r-reġistru tal-membri tagħha skont is-sentenza li tagħti dina l-Onorabbli Qorti".*

4. Il-kumpaniji konvenuti, filwaqt li ċaħdu li d-dokumenti inkwistjoni ġew falsifikati, ressqu eċċezzjoni preliminari (eċċezzjoni numru 2):

> *"Illi b'mod preliminari, il-mandatarju tar-rikorrenti ghandu jipprova li hu verament awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom tar-rikorrenti Silvia Maria Vega Arce. Illi din l-eccezzjoni qed titressaq specjalment in vista tal-proceduri pendenti fil-Polonja fil-konfront tal-istess madatarju Robert Nagacki mressqa da parte tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited in kwantu l-istess mandatarju agixxa ghan-nom tal-imsemmija socjeta' minghajr ma kien awtorizzat. Illi in oltre, kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza, l-ghan esklussiv u ahhari tal-mandatarju Robert Nogacki mhuwiex li jissalvagwardja l-allegati nteressi ta' Silvia Maria Vega Arce izda li jikseb il-kontroll tas-socjeta' intimata Shriram Properties Limited sabiex ikun jista' jwaqqafha milli tkompli bil-proceduri msemmija fil-Polonja fil-konfront tieghu".*

5. Fl-ewwel seduta tat-18 ta' Novembru 2016 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex jiġu allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 43/2016(PC). Ordnat ukoll li l-ewwel jitressqu provi dwar it-tieni eċċezzjoni. Il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-24 ta' Frar 2017 għall-provi attriċi dwar dik l-eċċezzjoni. Dakinhar id-difensur tal-attur *nomine* ppreżenta dokument li jidher li hu prokura b'firma fuq l-isem Silvia Maria Vega Arce.[1] Id-dokument jidher li hu fotokopja. Dakinhar stess id-difensuri għamlu sottomissjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dik l-eċċezzjoni, għas-seduta tal-5 ta' Mejju 2017.

6. Fit-2 ta' Mejju 2017 l-attur *nomine* ppreżenta rikors li bih talab li ma tingħatax is-sentenza sabiex jippreżenta, '*l-prokura debitament awtentikata u appostillata'* ta' Silvia Maria Vega Arce. L-għada ppreżenta

---

[1] Fol. 54.

rikors ieħor biex jinforma lill-Qorti li huwa f'pożizzjoni jesebixxi l-oriġinal u ehmeż l-istess mar-rikors tiegħu.[2]

7. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2017 tat digriet li jaqra hekk:

> *"Rat ir-rikors tal-attur datat 2 ta' Mejju 2017.*
>
> *Rat ir-rikors datat 3 ta' Mejju 2017.*
>
> *Rat ir-risposta fl-atti tal-verbal.*
>
> *Rat illi l-allegata prokura esebita ġġib id-data tad-19 ta' Ottubru 2016.*
>
> *Ma tara l-ebda raġuni valida għalfejn din ma ġietx esebita fl-atti sad-data tal-24 ta' Frar 2017 u cioe fl-istadju qabel ma ngħalqu l-provi.*
>
> *Tiċħad it-talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza".*

8. B'sentenza mogħtija fl-istess udjenza, dik il-Qorti ddeċidiet hekk:

> *"taqta u tiddeciedi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti billi tilqa' l-istess eccezzjoni u tiddikjara li Robert Nogacki ma rnexxielux iressaq prova sufficjenti li hu verament awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom tar-rikorrenti Silvia Maria Vega Arce f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors guramentat odjern".*

9. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> *"Illi fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-attrici nsista li l-prokura setghet saret kemm b'mod verbali kif ukoll ghamel referenza ghad-dokument RM 1 esebit fl-atti tal-mandat li jidher ukoll li huwa prokura mill-attrici a favur ta' Robert Nogacki datata 22 ta' Jannar, 2015 u li skont l-Avukat tal-attrici hija bizzejjed sabiex setghet giet intavolata l-kawza odjerna da parti ta' Robert Nogacki.*

[2] Fol. 92-94.

*Illi din il-Qorti qrat sew il-prokura mmarkata bhala dokument RN 1 fl-atti tal-mandat u tirrileva li mkien f'din il-prokura ma sabet xi tip ta' awtorizzazzjoni a favur Robert Nogacki minn Silvia Maria Vega Arce sabiex jiftah il-kawza odjerna bil-kawzali kontenuti fiha. Lanqas tqis li din il-prokura tista' tinghata interpretazzjoni daqshekk wiesgha li tinkludi l-intavolar ta' din il-kawza. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li dik il-prokura mmarkata RN 1 fl-atti tal-mandat tista' sservi sabiex ixxejjen it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti.*

*Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tal-Avukat Ellis li l-prokura sabiex tkun valida tista' tkun anki verbali, din il-Qorti assolutament ma taqbilx specjalment f'cirkustanzi fejn l-istess Robert Nogacki qatt ma deher quddiem din il-Qorti almenu sabiex jikkonferma bil-gurament tali mandat a favur tieghu u c-cirkustanzi li fih inghatalu dan l-allegat mandat.*

*...*

*Illi fir-rigward tal-prokura esebita a fol. 54 tal-process din il-Qorti ma tistax tqis din il-prokura bhala wahda valida principalment ghal zewg ragunijiet:*

> *(1) Dan id-dokument ma ghandu l-ebda data filwaqt li l-Avukat Ellis iddikjara fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti li dak id-dokument sahansitra wasal ghandu wara li kien gie prezentat ir-rikors guramentat;*
>
> *(2) Illi l-firma ta' Silvia Maria Vega Acre bl-ebda mod ma giet awtentikata fuq l-istess dokument, ghall-kuntrarju ta' diversi dokumenti ohra esebiti partikolarment fl-atti tal-mandat. Dan iqajjem dubju kbir f'mohh din il-Qorti dwar l-awtenticita' ta' dan id-dokument u f'cirkustanzi fejn il-kawza u l-vertenzi kollha bejn il-partijiet (anki fi Qrati barra minn Malta) huma appuntu fuq allegazzjoni ta' falsifikar ta' firem, din il-Qorti ma tistax tiehu n-nuqqas ta' awtentifikazzjoni tal-firma fuq il-prokura 'alla leggera'.*

*Illi l-artikolu 630 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra illi:*

> *"L-atti u r-registri ta' nutara pubblici ta' pajjizi barranin, awtentikati skont l-artikolu 628, huma ammissibbli bi prova u jistghu jippruvaw dak li jkun fihom bl-istess mod bhall atti msemmijin fl-artikolu 627".*

*Din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ghalfejn filwaqt li fl-atti gew esebiti kopji ta' bosta prokuri awtentikati, l-attur nomine naqas milli jesebixxi fl-atti appuntu l-aktar dokument importanti f'dan l-istadju tal-proceduri debitament awtentikat skont il-ligi sabiex b'hekk ma jkun hemm l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti dwar il-validita' tal-prokura moghtija lilu minn Silvia Maria Vega Acre. Appuntu, kif issostni wkoll il-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata, f'kaz fejn jitqajjem dubju jew tintalab prova cara tal-*

*awtenticita' tad-dokument f'dan il-kaz tal-prokura esebita fl-atti, jinkombi fuq min qed jivvanta l-awtorita' bil-prokura cioe' l-attur nomine li juri bil-mezzi idoneji u ragonevoli li l-prokura hija wahda valida u l-awtentikazzjoni tal-istess dokument minn persuna debitament awtorizzata kienet taghti tali prova. Il-fatt li dan huwa l-uniku dokument fejn appuntu ma saritx l-awtentikazzjoni meta komparat ma' ohrajn simili esebiti fl-atti u li gie esebit bla data aktar iqajjem dubji f'din il-Qorti dwar l-awtenticita' tad-dokument.*

*Mill-atti kollha u in vista ta' dak suespost, din il-Qorti tqis li r-rikorrent nomine ma rnexxielux iressaq quddiemha prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi sabiex jevidenzja li verament huwa awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom ta' Silvia Maria Vega Arce fl-atti ta' dan ir-rikors guramentat u ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti jisthoqq li tigi milqugha".*

10. L-attur *nomine* appella b'rikors preżentat fil-25 ta' Mejju 2017. Talab lil din il-Qorti:

*"tirrevoka d-digriet tal-ewwel Onorabbli Qorti tal-5 ta' Mejju 2017 kif ukoll is-sentenza ta' l-istess qorti tal-istess data u tordna illi l-kawża tipprosegwi in mertu.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti".*

11. Is-soċjetajiet konvenuti wieġbu li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud u li s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*.

12. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Ġunju 2022, is-soċjetajiet konvenuti / appellati talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jippreżentaw kopja ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2020 mir-*Regional Disciplinary Court of the Warsaw Bar Association of Attorneys-at-Law* fir-rigward tal-attur *nomine*.

13. B'risposta ppreżentata fit-30 ta' Ġunju 2022 l-attur *nomine* wieġeb li l-proċeduri li għalihom jirreferu l-konvenuti huma irrilevanti għall-finijiet tal-kawża u f'kull każ għadhom *sub judice.* Fil-5 ta' Ottubru 2022 ippreżenta nota b'kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Dixxiplina ta' Varsavja tad-29 ta' Awwissu 2022 li annullat id-deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 2020.

14. Peress li l-Qorti tqis li dik il-materja mhijiex rilevanti għall-eżitu tal-appell, tiċħad it-talba tal-konvenuti magħmula bir-rikors tas-6 ta' Ġunju 2022.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

15. Permezz tal-ewwel aggravju l-attur *nomine* jilmenta illi, ġaladarba l-ewwel prokura li ġiet ippreżentata ma ssodisfatx l-Ewwel Qorti, ma kien hemm l-ebda raġuni valida għalfejn dik il-Qorti ma laqgħetx it-talba tiegħu sabiex ma tagħtix is-sentenza u biex jippreżenta l-prokura awtentikata. Isostni li kieku l-Ewwel Qorti awtorizzatu jippreżenta dik il-prokura awtentikata, ir-raġunament tal-Ewwel Qorti ma kienx ikun dak li sar fis-sentenza appellata.

16. Ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kienet preżentata fit-28 ta' Ottubru 2016[3]. Kif rajna kien fis-seduta tal-24 ta' Frar 2017 li ġiet

[3] Fol. 26 *et seq.*

preżentata prokura b'firma taħt l-isem tal-attriċi. M'hemmx firem oħra. Id-dokument għandu t-titolu 'Power of Attorney' u miktub bl-Ispanjol u bl-Ingliż. Fih jissemmew l-attriċi u l-attur *nomine* sabiex jirrappreżentaha f'proċeduri li l-iskop tagħhom ikun biex jintwera li l-allegat trasferiment ta' ishma fil-kumpanija Shriram Properties Limited mill-attriċi lil Berectus Creative Limited, hu invalidu u bla effett. Jingħad ukoll li hi valida sas-6 ta' Jannar 2019 u ma fihiex data meta saret il-firma.

17. Kien biss fit-2 ta' Mejju 2017 li l-attur *nomine* ppreżenta fotokopja ta' prokura oħra (fol. 89), din id-darba bid-data tad-19 ta' Ottubru 2016 ħdejn il-firma, li skontu ġiet '*debitament awtentikata ... u anke appostillata mill-gvern ta' Costa Rica.'* L-oriġinal ġiet preżentata l-għada, 3 ta' Mejju 2017 (fol. 92), jumejn qabel id-data li fiha ngħatat is-sentenza.

18. L-attur *nomine* ma ta l-ebda raġuni għalfejn ma ħax ħsieb li dik il-prokura tintbagħat Malta qabel is-seduta tal-24 ta' Frar 2017, ċioè meta l-kawża tħalliet għas-sentenza. Lanqas ma jirriżulta li qabel dakinhar jew waqt dik is-seduta, l-attur *nomine* talab lill-Ewwel Qorti biex tagħtih iktar żmien sabiex jippreżenta l-prokura awtentikata.

19. Billi ma tirriżulta l-ebda raġuni li tiġġustifika għalfejn l-attur *nomine* stenna sa jumejn qabel l-għoti tas-sentenza sabiex jippreżenta prokura li, skont ma hemm miktub fuqha, kienet saret aktar minn sitt xhur qabel, l-

appellant m'għandu l-ebda dritt jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha neċessarjament tilqa' t-talba tiegħu biex tammetti l-imsemmi dokument in atti f'dak l-istadju.

20. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

21. L-attur *nomine* jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti setgħet ippermettiet lil Silvia Maria Vega Arce tixhed b'mezz li tippermetti l-liġi sabiex tikkonferma li nkarigat lil Robert Nogacki bħala mandatarju tagħha biex jiftaħ il-kawża f'isimha f'Malta. Jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti njorat il-fatt illi huwa ħa ġurament meta ppreżenta r-rikors maħluf u ddikjara li huwa mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce.

22. Mill-atti ma jirriżultax li l-attur *nomine* talab lill-Ewwel Qorti sabiex isiru l-arranġamenti li hemm bżonn sabiex tixhed l-attriċi. Il-kawżi huma tal-partijiet. Mill-atti jirriżulta iżda li l-attur *nomine*, illum appellant, kellu l-opportunità sħiħa sabiex iressaq il-provi tiegħu dwar it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti u xejn ma waqqfu milli jippreżenta affidavit tiegħu u wkoll ta' Silvia Maria Vega Arce sabiex jagħtu prova li ngħata l-mandat. Prova li ma saritx.

23. Verament li fir-rikors promutur l-attur *nomine* ħalef li kellu mandat minn Silvia Maria Vega Arce sabiex jiftaħ il-kawża. Iżda, fil-kuntest tat-

tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, 'il fatt li fir-rikors maħluf iddikjara *"Rikors ġuramentat tal-imsemmi Robert Nogacki.... fil-kwalita tiegħu ta' mandatarju ta' Silvia Maria Vega Arce...."*, żgur li mhijiex l-aħjar prova.

24. Permezz tat-tielet aggravju l-attur *nomine* jilmenta illi ma jeżisti l-ebda rekwiżit fil-liġi li prokura trid tassattivament tkun awtentikata min-nutar. Kompla li l-Artikolu 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament. Isostni għalhekk li l-'prokura' a fol. 54 kienet tissodisfa l-vot tal-liġi anke jekk ma kinitx awtentikata min-nutar.

25. F'dan il-każ intalbet li ssir prova li l-attur *nomine* hu mandatarju ta' Arce. L-allegata prokura a fol. 54 mhijiex datata, u mhijiex iffirmata minn xhud tal-firma u identità. Fin-nuqqas ta' provi oħra, l-Ewwel Qorti setgħet tikkonkludi li dak id-dokument mhuwiex prova sodisfaċenti tal-mandat li Nogacki jgħid li ngħata minn Arce.

26. F'kull każ lanqas id-dokument a fol. 92 *et seq* (ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2017) ma jissodisfa lil din il-Qorti. Minkejja li f'din il-verżjoni hemm id-data tad-19 ta' Ottubru 2016 ħdejn il-firma, m'hemm l-ebda attestazzjoni fuq dak id-dokument innifsu. L-allegata konferma notarili, miktuba biss bl-Ispanjol, tinsab f'paġna separata. Il-persuna li għamlet dik id-dikjarazzjoni ma xehditx. Jekk il-prokura kienet iffirmata fil-

preżenza tan-nutar li għamlet id-dikjarazzjoni a fol. 93, ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni kif fuq il-prokura m'hemmx il-firma tan-nutar.

27. Fiċ-ċirkostanzi tiċħad ukoll l-aħħar aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż a karigu tal-attur *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm